PAWLU XUEREB (1)

25 sena minn mewtu

Dan li ġej kellu jkun artiklu wieħed, mifrux fuq żewġ paġni, iżda jiena u nfittex fuq dan il-personaġġ, li serva bħala Aġent President ta' Malta bejn is-16 ta' Frar 1987 u l-4 ta' April 1989, intbaħt kemm Pawlu Xuereb, 25 sena wara mewtu, għadu maħbub sew, mhux biss minn niesu r-Rabtin, imma minn kull min b'xi mod sar jafu. U għalhekk din se tkun sensiela ta' mhux inqas minn erba' artikli.

Minn sempliċi post fuq Facebook li fiha tlabt lil min għandu tagħrif dwaru, fi ftit ħin, mijiet ta' persuni sempliċi li ħadmu ma' Xuereb jew ġew f'kuntatt miegħu, wieġbu b'esperjenzi ħelwin u b'aġġettivi komuni: "ġentlom", "raġel ta' veru", "onest", "integru", "serju", "tal-affari tiegħu". Ħadd ma sab xi jgħid kontra dan ir-raġel.

Fl-awtobijografija tiegħu, Lino Spiteri jsejjaħlu "l-Aġent tal-Poplu" u jgħid li kien raġel kwiet u ta' ftit kliem, iżda li ħadd u xejn ma kien jitliflu l-ħeġġa jew ixelliflu l-impenn u l-integrità tiegħu.

Fl-intervisti li għamilt, skoprejt li Paul Xuereb kien ħafna affarijiet. Kien politiku, ekonomista, ġurnalist u awtur letterarju. Iżda fuq kollox kien uman ħafna. Kien raġel tal-familja. Kien iħobb lill-fqir, lill-ħaddiem, lit-tfal. Kien iħobb is-sewwa u l-ġustizzja.

Kien iħobb il-fjuri u l-annimali. Kien iħobb lil Malta. Kif qaltli n-neputija tiegħu Josianne, "kien jirrabja ħafna għal dak li mhux sewwa, kien jaħdem ħafna u kien iħobb ħafna."

RABTI

Pawlu Xuereb twieled ir-Rabat, Malta, nhar il-21 ta' Lulju 1923, bin Adeodato Xuereb, awtur ta' drammi u għalliem, u Maria Dolores, imwielda Busuttil. In-neputija tiegħu, Josianne, qaltli li zijuha kien ġej "minn familja sewwa u magħrufa fir-Rabat u billi hu kien il-kbir fost erba' aħwa, kien iħoss ċerta responsabbiltà kemm lejn ommu li kienet armla, kif ukoll lejn ħutu u l-familji tagħhom."

Wara li attenda l-iskola elementari tal-Imdina, Pawlu ħa l-edukazzjoni sekondarja tiegħu fil-Kulleġġ San Alwiġi u fil-Kulleġġ Flores, il-Belt. F'dan iż-żmien ukoll, Pawlu Xuereb kien dilettant tal-futbol u kien jilgħab bħala gowler mat-team Rabti, Rabat Swifts fis-sezzjoni Juniors. Fl-istess tim kien jilgħab ukoll Alfie Pearson, li iktar tard lagħab ukoll man-Nazzjonal. (Ħajr għal dan it-tagħrif lis-Sur Louis Azzopardi)

Bejn l-1946 u l-1949, Xuereb studja l-letteratura Ingliża fis-City Literary Institute ta' Londra u l-amministrazzjoni pubblika fir-Regent Street Polytechnic f'Londra, fejn studja l-ġurnaliżmu, l-ekonomija politika u x-xjenza politika.

GWERRA U XOGĦOL FL-INGILTERRA

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, sa mill-1942, Xuereb serva mar-Royal Malta Artillery, u bejn l-1944 u l-1946, ħadem ta' skrivan fid-Dipartiment tal-Inġinerija tat-Tarzna. Matul dan il-perjodu, Xuereb iddistingwa ruħu u ngħata tliet dekorazzjonijiet: l-Africa Star, il-War Medal u l-Victory Medal.

Fl-1946, emigra lejn l-Ingilterra u ħadem bħala superviżur mad-Dipartiment tal-Kontijiet tad-Ditta Peter Robinson ta' Oxford Street, u wara, bħala skrivan mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni f'Londra. Hemmhekk, huwa kompla wkoll bl-istudji tiegħu.

Fl-1950, ġie lura Malta u beda jmexxi l-kumpanija tal-importazzjoni u t-tqassim, Fardex Trade Development Company Ltd., fejn għamel tmien snin. Fl-1958, għamel sena għalliem tal-Ingliż fil-Liċeo.



Pawlu Xuereb

JISSIEĦEB MAL-PARTIT LABURISTA

Fl-1959, Xuereb telaq l-impjieg tiegħu mal-Gvern u ssieħeb mal-Partit Laburista, fejn sar editur letterarju u assistent editur tal-ġurnal Laburista The Voice of Malta. Kienet l-imħabba tiegħu lejn il-ħaddiem u l-fqir li ressquh lejn il-Partit Laburista. Fl-1964, inħatar direttur ġenerali tal-istamperija tal-Partit, il-Freedom Press u dam f'din il-kariga sal-1971.

Fi kliem Lino Spiteri, li għamel żmien Ministru tal-Finanzi, Xuereb "kien wieħed mill-ewwel ġurnalisti li kitbu bis-sens dwar ħwejjeġ ekonomiċi." (il-kwotazzjonijiet kollha ta' Lino Spiteri huma mill-ktieb "Jien u għaddej fil-Politika", 2007)

FL-ELEZZJONI TAD-DNUB IL-MEJJET

Sa mill-1958 sas-snin tmenin, Xuereb kien membru tal-Eżekuttiv tal-Partit Laburista. Huwa kkontesta l-elezzjoni tad-"dnub il-mejjet" tal-1962 fuq id-disa' distrett u kien elett. F'dik l-elezzjoni iebsa għall-Partit Laburista, baqa' jissemma kif Xuereb kien għamel corner meeting fejn, minħabba l-biża', in-nies kienu qagħdu jisimgħuh minn wara l-persjani u kulma kellu quddiemu kien kelb li inzerta għaddej minn hemm, imma Pawlu Xuereb baqa' jitkellem xorta!

Freddie Micallef li kien jikkontesta fl-istess distrett ta' Xuereb jirrakkonta hekk: "L-ewwel darba li ħriġt għall-politika kien fl-1962 fl-aħħar żmien. Id-daqq tal-

Pawlu Xuereb, ir-raba' mix-xellug bilwieqfa, mar-Rabat Swifts (1938-39)

ARE YOU GETTING MARRIED?

Take your printing to the

London Press

OFFICIAL REPRESENTATIVE RABAT BRANCH

PAUL XUEREB

1, Virtu Road. Phone Rabat 283.

Riklam tal-London Press li deher f'The Magpies Review, rivista sportiva ta' Ottubru 1951

qniepen għadu jaffettwani ħażin sal-lum. Dawk in-noti qawwija jibqgħu ġo widnejk. Kienu jdoqqu l-qniepen tal-knejjes biex iħarbtulna l-meetings. Konna nkunu jien u Pawlu Xuereb. Kien żmien diffiċli għax in-naħa tagħna, il-Mellieħa, l-Imġarr, il-Mosta u San Pawl in-nies ma kinitx bħal tal-Kottonera. Hawn in-nies kienet tibża' ħafna mill-Knisja." (Intervistat minn Julia Farrugia, Il-lum, 2008)

F'dak id-distrett, il-Partit Laburista kien ħareġ seba' kandidati, imma Pawlu Xuereb biss kien elett, bi kważi 1,500 vot fl-ewwel għadd. Huwa baqa' jżomm is-siġġu parlamentari tiegħu fl-elezzjoni tal-1966, meta żied sew il-voti, u ġab kważi 2,400 fl-ewwel għadd. Fl-1971, ġab 2,315 voti, meta kien hemm żewġ kandidati oħra Laburisti eletti, it-tabib Rabti Daniel Micallef u l-Mosti Freddie Micallef.

TRASPARENZA U MERITOKRAZIJA

Josianne X. Azzopardi qaltli kif, "Liz-Ziju Paul kont nammirah ħafna fejn jidħol ix-xogħol politiku tiegħu. Niftakar li darba qam isem persuna li kellha bżonn l-għajnuna taz-ziju u jien, biex mingħalija nkun ta' għajnuna, għedtlu: 'Dak Nazzjonalist Zi'. Ma kienx mument, għax ħatafni ħatfa nobis."

"Qalli li hu ma kienx staqsieni ma' min iżomm dak l-individwu u li ma kelli qatt nerġa' ntenni dak il-kliem, għax hu ma kienx jimpurtah mill-kuluri, iżda pjuttost mill-karattru ta' dak li jkun u jekk hux denju li jingħata xi xogħol jew ieħor... Zijuwi għallimni li għandi nħares lejn kulħadd bl-istess mod u b'imħabba u rispett u ta' dan nirringrazzjah qatigħ."

Ftit tas-snin ilu, l-eks Mexxej Laburista Alfred Sant kien kiteb hekk: "L-istituzzjoni tal-Ombudsman hi waħda tal-akbar importanza. Jixraqlu tislima l-eks Aġent President tar-Repubblika Pawlu Xuereb li kien pijunier tal-kunċett tal-Ombudsman f'pajjiżna. L-idea ta' Ombudsman twasslet fostna permezz tal-kuntatti mifruxa li l-Partit Laburista kellu fis-snin sittin mal-partiti Soċjal-Demokratiċi tal-Iskandinavja fejn l-ewwel twaqqaf l-Uffiċċju ta' Ombudsman. Il-manifest elettorali tal-Partit Laburista tal-elezzjoni tal-1971 ippropona li ssir l-istess ħaġa f'Malta." (TORĊA, 24 ta' Ottubru 2010)

MINISTRU BIEŻEL, INTEGRU U ONEST

Xuereb kellu diversi karigi fi Gvernijiet Laburisti. Minn Awwissu sa Ottubru 1971, serva bħala Segretarju Parlamentari fl-Uffiċju tal-Prim Ministru, u wara r-riżenja ta' Joe Micallef Stafrace f'Ottubru, inħatar Ministru tal-Industrija, Kummerċ, Agrikultura u Turiżmu sal-1974, is-sena li fiha żżewweġ lil Edwige Muscat minn Raħal Ġdid. Mill-1974 sal-1976, żamm l-istess portafoll, iżda mingħajr l-Agrikultura, li sar ministeru għalih f'idejn Freddie Micallef.

Pawlu Xuereb fil-Kabinett tal-1971, it-tieni bilwieqfa mil-lemin, bejn Bertu Hyzler u Ġużè Cassar

Josianne X. Azzopardi qaltli kif, "liz-Ziju Paul, il-Prim Ministru Mintoff kien idewmu sa tard Kastilja, anke sas-sagħtejn ta' filgħodu. Xogħol li ma jintemm qatt. Kien fdalu ħafna pożizzjonijiet taħt idejh imma dejjem paga waħda! Meta kien isiefer fuq xogħol tal-pajjiż tagħna kien jipprova jiffranka l-lodging biex il-pajjiż ma tiġihx ħafna. Darba, meta kien l-Ingilterra, iz-ziju saħansitra raqad fuq dgħajsa-barge fuq ix-xmara, imbasta jifrankaw!"

L-armla tiegħu, Edwige, qaltli li ma' Mintoff kellu relazzjoni tajba. Kien jgħidilha, "Qatt ma għajjat miegħi". Fi kliem Edwige, "Mintoff kien jaf li Xuereb ma kienx se jipprova jbengilhielu. Dak li hu abjad abjad, dak li hu iswed, iswed." Anke mannies, kien onest, "jekk jaf li ma jistax jirranġalek kien jgħidlek li ma jistax, jew jekk diffiċli kien jgħidlek 'Se nipprova imma se tkun diffiċli'."

Kien ukoll Ministru bieżel ħafna u, kif qaltli Edwige, sa jumejn qabel l-elezzjoni tal-1976, kien għadu l-Ministeru jirranġa kollox biex jekk jidħol xi ħaddieħor warajh, isib kollox f'postu.

IBERRED IL-QIEGĦA

Edwige qaltli kif żewġha kellu manjiera kif jikkalma lil dak li jkun. Meta kien hemm l-istrajk tal-bejjiegħa tal-laħam, dawn kienu marru rrabjati għalih il-ministeru. Kif rawhom hekk, is-segretarji tiegħu ma kinux se jdaħħluhom, imma Xuereb daħħalhom, tkellem magħhom u ħarġu minn hemm differenti. L-istess, fil-kriżijiet l-oħra li nqalgħu, tal-ħobż, tat-tadam u l-bqija.

Philip Borg, veteran fil-Partit Laburista, qalli li lil Xuereb sar jafu mill-qrib l-iktar fil-laqgħat tal-Eżekuttiv tal-Partit:

"Kienet x'kienet il-kariga li kellu - ministru u mhux - Pawlu kien jattendi, attent mill-bidu sal-aħħar. L-interventi tiegħu kienu jkunu qosra imma konċiżi u jistqarr b'umiltà li fejn ma jifhimx, jiskot, jisma' u jitgħallem. Kien x'kien l-argument, it-tbissima fuq wiċċu ma kienet tonqos qatt u għalhekk it-ton ta' kliemu kien jinstema' aktar ġenwin. Wisq iktar meta, fl-eqqel ta' xi dibattitu sħun, kellu ħabta jitfa' xi ċajta biex itaffi t-toqol tal-qiegħa."

ĠENERUŻ U ĠENWIN

Philip Borg kompla jgħidli hekk: "Kont segretarju tal-Eżekuttiv li sikwit kien jitlaqqa' tard u jintemm meta jkunu spiċċaw tal-linja. Kont għadni żagħżugħ, ma kellix karozza u meta Mintoff - bi ħsieb u kura ta' missier li ftit kienu jafu li tassew kellu - kien irid jara min se jwassalni lura d-dar hekk tard, Pawlu kien ikun pront joffrili. Minkejja li triqtu kienet mill-Marsa jew mill-Belt lejn ir-Rabat, Pawlu qajla kien jinkedd li jiżvija mir-rotta biex iwassalni Birkirkara."

"Mat-triq Pawlu Xuereb kien jogħxa jirrakkuntali xi esperjenza mill-karriera politika tiegħu, jew meta jkun "għaffiġha" jew ingidem għax ħaseb li kulħadd ġenwin bħalu. Kien ukoll jaqbadli fuq xi artiklu li nkun għadni kif ktibt... xejn xejn juri li kien jaqra kollox, ma jaħrablu xejn u jaf jiżen u janalizza kollox. Kien iħobb ukoll jfissirli l-'plot' għal xi novella li kien ikun se jikteb."

(jissokta)

Pawlu Xuereb fis-snin sittin (bil-gurnal f'idu)

Pawlu Xuereb jindirizza mass meeting fl-1962 - jidhru Lino Spiteri fuq ix-xellug tiegħu, u Anton Buttigieg warajh